RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 150 tas-7 ta' Ġunju 2019)

1. Fil-paġna 261, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu l-ġdid 21a(2)

minflok: "... F'dak il-każ, il-perijodu ta' valutazzjoni msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(3) għandu jkun sospiż għal perijodu li jaqbeż l-20 jum tax-xogħol sakemm titlesta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.",

aqra: "... F'dak il-każ, il-perijodu ta' valutazzjoni msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(2) għandu jkun sospiż għal perijodu li jaqbeż l-20 jum tax-xogħol sakemm titlesta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.".

2. Fil-paġna 264, l-Artikolu l-ġdid 21b(8)

minflok: "8. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-gruppi minn pajjiż terzi li joperaw permezz ta' aktar minn istituzzjoni waħda fl-Unjoni u b'valur totali tal-assi ugwali għal jew aktar minn EUR 40 biljun fis-27 ta' Ġunju 2019 ...",

aqra: "8. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-gruppi minn pajjiżi terzi li joperaw permezz ta' aktar minn istituzzjoni waħda fl-Unjoni u b'valur totali tal-assi fl-Unjoni ugwali għal jew aktar minn EUR 40 biljun fis-27 ta' Ġunju 2019 ...".

3. Fil-paġna 276, l-Artikolu l-ġdid 104a(4)

minflok: "4. L-istituzzjoni għandha tagħmel tajjeb għar-rekwiżit tal-fondi proprji addizzjonali imposti mill-awtorità kompetenti taħt il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) mal-fondi proprji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tal-anqas tliet kwarti mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandhom jissodisfaw il-kapital tal-Grad 1;

(b) tal-anqas tliet kwarti mill-kapital tal-Grad 1 imsemmi fil-punt (a) għandhom ikunu komposti mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit tagħha ta' fondi proprji addizzjonali b'sehem akbar ta' kapital tal-Grad 1 jew ta' kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, fejn ikun meħtieġ, u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-istituzzjoni.

...",

aqra: "4. L-istituzzjoni għandha tagħmel tajjeb għar-rekwiżit tal-fondi proprji addizzjonali impost mill-awtorità kompetenti taħt il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) biex tindirizza r-riskji apparti mir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva mal-fondi proprji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tal-anqas tliet kwarti mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandhom jissodisfaw il-kapital tal-Grad 1;

(b) tal-anqas tliet kwarti mill-kapital tal-Grad 1 imsemmi fil-punt (a) għandhom ikunu komposti mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

L-istituzzjoni għandha tagħmel tajjeb għar-rekwiżit tal-fondi proprji addizzjonali impost mill-awtorità kompetenti taħt il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) biex tindirizza r-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva mal-Kapital tal-Grad 1.

Permezz ta' deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit tagħha ta' fondi proprji addizzjonali b'sehem akbar ta' kapital tal-Grad 1 jew ta' kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, fejn ikun meħtieġ, u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-istituzzjoni.

…".

4. Fil-paġna 291, il-punt (d) tal-ewwel subparagrafi tal-Artikolu 141(6) emendat

minflok: "(d) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax għall-issodisfar ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ...",

aqra: "(d) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax għall-issodisfar ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ...".

5. Fil-paġna 292, il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu l-ġdid 141b(2)

minflok: "(b) toħloq obbligu li titħallas rimunerazzjoni varjabbli jew benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew li titħallas rimunerazzjoni varjabbli jekk l-obbligu ta' pagament ikun inħoloq fi żmien meta l-istituzzjoni tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata; jew",

aqra: "(b) toħloq obbligu li titħallas rimunerazzjoni varjabbli jew benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew li titħallas rimunerazzjoni varjabbli jekk l-obbligu ta' pagament ikun inħoloq fi żmien meta l-istituzzjoni tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja; jew".